# PJAN TAL-LEZZJONI - UNIT 1.8

**Kap: Alla ħalaq kollox tajjeb u sabiħ.**

**Lezzjoni: 1.8 Alla ħalaq l-annimali**

**Għanijiet:**



1. Jagħrfu kif Alla ħalaq id-dinja u l-annimali differenti li hemm fiha.
2. Jifhmu li Alla jieħu ħsieb dawn l-annimali li ħalaq huwa stess.
3. Jitgħallmu jgħidu 'grazzi' lil Alla tal-annimali kollha li ħalaq hu.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- Bibbja għat-Tfal
- stampa tal-Arka ta' Noe (mehmuża)
- stampi ta' annimali (mehmużin).
- websajt: *thetreasuretree.co.uk*
- vidjow: *Noah's Ark (Christian Animated Cartoon Movie)*

http://www.youtube.com/watch?v=4IokCeM7lOE

- *Karta ta' taħriġ addizzjonali d*

**Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu**

**Mima tal-annimali:**



- Agħmel mossi ta' annimali:
  ors feroċi, żiemel qed jiġri, żrinġ jaqbeż, eċċ
  u t-tfal jimitaw. Ħalli lit-tfal isemmu annimali
  kbar u jagħmlu bħalhom. Imbagħad isemmu
  annimali li jimxu bil-mod u jimitawhom ukoll.
  Isemmu annimali tar-razzett u jagħmlu mima tagħhom.
- **Spjega:** Kemm hu kbir Alla li ħalaq l-annimali l-kbar bħall-iljunfant, il-ġiraffa...
  Kemm hu sabiħ Alla li ħalaq l-annimali sbieħ bħall-farfett, il pagun...
  Kemm hu bravu Alla li ħalaq l-annimali żgħar bħan-nemel, in-naħla...
  Ta' dawn l-annimali kollha ejjew ngħidu 'grazzi'.

**Nisimgħu flimkien (actual lesson)**

- Irrakkonta l-ġrajja tal-Arka ta' Noe billi tuża l-Bibbja għat-tfal. Irrakkonta din l-istorja billi tagħmel użu minn stampa tal-Arka ta' Noe mwaħħla fejn jarawha t-tfal, kif ukoll uża l-websajt ***thetreasuretree.co.uk***
  [http://www.thetreasuretree.co.uk/SWFWindow.php?params=SWF/noah-Tasters](http://www.thetreasuretree.co.uk/SWFWindow.php?params=SWF/noah-Tasters)
  biex it-tfal jaraw l-istampi waqt li tirrakkonta u jidħlu ikt[…]
  fl-ispirtu tal-istorja.



- Ifrex l-istampi tal-annimali mal-klassi kollha l-istorja war[…]
  qrajt/irrakkuntajt u staqsi lil xi tfal biex isibu l-pari tal-annimali u jqegħduhom fuq l-istampa tal-Arka ta' Noe. Jekk trid tista' titrasferixxi l-istampi fuq il-programm tal-interactive whiteboard u t-tfal iqabblu l-pari minn hemmhekk. Ma' kull par li jsibu, jridu jgħidu 'grazzi' lil Alla.

Aħdem *Karta ta' taħriġ Addizzjonali d.*

**Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)**




1. Alla ħalaq l-annimali kollha li nsibu fid-dinja.
2. Kemm huwa kbir, sabiħ u bravu Alla li ħalaq dawn l-annimali differenti kollha biex jagħmlu d-dinja sabiħa.
3. Alla ħalaq dan kollu għaliex huwa Missierna u iħobbna.
4. Ngħidu 'Grazzi!' lil Alla tal-annimali sbieħ li tana.
5. Alla jieħu ħsieb dawn l-annimali kollha (l-Arka ta' Noe).

**Nagħżlu flimkien (Attitude)**

Niftakru li Alla huwa l-ħallieq tad-dinja. Kemm għandna biex nifirħu u nirringrazzjawh x'ħin niftakru kemm tana annimali sbieħ u li jferraħna bihom.




**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

Uri vidjow: *Noah's Ark (Christian Animated Cartoon Movie)*
[http://www.youtube.com/watch?v=4IokCeM7lOE](http://www.youtube.com/watch?v=4IokCeM7lOE)
biex it-tfal jifhmu aħjar l-storja tal-Ark ta' Noe. Minħabba li l-vidjow huwa twil tista' taqsmu f'żewġ partijiet, jew turi biċċa żgħira minnu biss.



**Nitolbu**



Grazzi Alla talli ħlaqt id-dinja sabiħa u mlejtha bl-annimali.
Grazzi tal-annimali l-kbar u anka taż-żgħar.
Għallimna nieħdu ħsiebhom biex niftakru li inti ħlaqthom u tħobbhom.
Ammen!